

# Rjus Mitlufa fi żmien l-Ordni



Guido Lanfranco



Kullimkien fid-dinja tas-sekli mgħoddija (mhux anqas minn issa!) ġlied, gwerer, jasar u vendikazzjonijiet kien hemm kemm trid u, taħt il-ħakma tar-renjanti u dittaturi kienu tiddominaw ir-rieda u l-kapriċċi ta' min kien sinjur u b'saħtu. F'ambjent bħal dak kienu jisparixxu ħafna individwi u familji sħaħ jekk min jikkmanda kien isibhom skomdi għalih. Kienu jsiru massakri, delitti u torturi ta' kull xorta taħt isem il-'ġustizzja' sekulari jew ekkleżjastika. Destin komunissmu ta' ħafna vittmi ordinarji jew magħrufin kien id-dekapitazzjoni jew dekollazzjoni, fi kliem iehor, il-qtugħ tar-ras kif insibu f'ħafna episodji mill-istorja li juru biċ-ċar kemm il-ħajja tal-bniedem ma kienet tiswa xejn.

## Kavallieri mrażżna

Fi żmien l-Ordni tal-kavallieri, li wieħed ikun kursar jew pirata kienet ħaġa aċċettata, basta jkollu permess u jħallas li jkun hemm bżonn. Membri tal-Ordni stess kienu jitħajru jbaħħru fil-Mediterran u jaħtfu bċejjeċ tal-baħar, bil-merkanzija b'kollox biex ibiegħuha huma, kif ukoll passiġġieri u ekwipaġġ li jinbiegħu bħala skjavi. Imma xi kavallieri kursari bdew jeżaġeraw fil-ħtif u s-serq, kif ukoll fil-qtil u l-massakri fuq il-baħar. Mhux biss, imma uħud minnhom bdew ikunu mwissijin mill-istess mexxejja tal-Ordni kif ukoll minn artijiet Ewropej biex ma jfixklux il-kummerċ li kien jeżisti mat-Torok u l-orjent.

Filippo Mazza, kavallier kursar kien kemm-il darba mwissi biex ma jippersegwitax negozjanti fl-Adrijatiku. Baqa' jagħmel li jrid sakemm qabduh il-Venenzjani u qatgħulu rasu.

Kavallier ieħor, Thomas Dingley, Ingliż, kellu l-isfortuna li kien involut fl-attivitajiet tar-Re Enriku VIII, magħruf biżżejjed għal kemm kien jordna li jinqatgħu l-irjus, inklużi tan-nisa tiegħu stess. Fl-1537 xi ħadd fesfes xi ħaġa f'widnejn ir-re li malajr iddeċieda li Dingley ma kienx jaqbel miegħu, akkużah bi tradiment u sentejn wara dak il-kavallier spiċċa dekapitat.

## Fid-delitti

Fi żmien l-Ordni, il-Knisja kienet tfixkel il-proċess tal-ġustizzja ċivili billi tisserva bl-immunità ekkleżjastika. Dik-kienet sitwazzjoni, imsaħħa mill-istess papiet, fejn kriminali ta' delitti serji setgħu jistkennu f'xi knisja jew ċimiterju tad-djoċesi u ħadd ma jista' jidħol għalihom għax kellhom il-protezzjoni tal-Knisja. L-idea ma kinetx ħażina għall-aħħar, meta tara l-krudeltajiet fuq id-dinjità u l-ħajja tal-bniedem f'dawk iż-żminijiet, imma l-ħallelin u l-qattiela bdew japprofittaw ruħhom u jagħmlu li jridu.

Bħala eżempju nsemmu li fis-seklu tmintax, meta l-knisja parrokkjali l-qadima ta' Birkirkara kienet abbandunata, għadd ta' kriminali bdew jabitaw fiha u jġibulhom l-ikel

il-ħbieb u l-familjari. Darba mal-lejl żewġ ħallelin ħarġu biex jaraw x'jistgħu jisirqu, imma rawhom is-suldati, sparawlhom, qatlu wieħed u qabdu lill-ieħor. Il-Gran Mastru Pinto ordna li ras il-mejjet tinqata' u titwaħħal fuq kolonna ġebel qrib Birkirkara biex isservi ta' twissija.

Meta Antoine de Paule kellu 71 sena u laħaq Gran Mastru fl-1623 ħa pussess tal-palazz tal-belt Valletta. Fl-istess sena, wieħed mill-kavallieri novizzi il-Portugiż Giovan Fonseca ġie mixli li seraq u wettaq qtil. Il-Gran Mastru, li ried juri li kien se jżomm id iebsa għad-dixxiplina fost il-kavallieri, ordna li l-ħati jinġieb quddiem il-palazz u qatgħulu rasu.


Antoine de Paule

Id-Duka ta' Anhalt-Koethen li f'Diċembru-Jannar tal-1598-1599 kien Malta għal xi seba' ġimgħat, kiteb li skjav Tork u mara xiħa qatlu mara fil-Birgu imma dawn inqabdu u ġew mixlija fil-pubbliku. Instabu ħatja u kkundannati għall-mewt. Id it-Tork ġiet maqtugħa quddiem id-dar tal-vittma u mbagħad iż-żewġ ħatja ġew mgħallqa. Ir-ras tat-Tork inqatghet u tqiegħdet għall-wiri fuq il-forka.

## Rjus maqtugħa fl-Assedju l-Kbir (1565)

Francesco Balbi di Correggio, (1505-1589) avventuruż, vjaġġatur, poeta u kittieb Spanjol li ipparteċipa fl-Assedju l-Kbir bħala arkwebusier (bl-ixkubetta), żamm djarju ta' kullma beda jiġri kuljum. Dawn li ġejjin huma għażla ta' noti bbażati fuq dak id-djarju:-

***3 ta' Ġunju:*** Il-kaptan Guaras, b'sittin suldat armati bl-arkwebus attakkaw lil xi Torok fil-Marsa, qabdu għadd minnhom u qatgħulhom rashom biex ħaduhom bħala trofej lejn il-Birgu.


Id-dehra tal-Forti Sant Iermu mill-Port il-Kbir

***23 ta' Ġunju:*** Lejlet il-festa ta' San Ġwann, protettur tal-Ordni, ftit kien baqa' min jiddefendi l-fortizza ta' Sant Iermu, u d-difensuri kienu mdawrin mit-Torok. Bdew ilestu biex iċedu imma reġa' bdielhom meta raw li l-Ġannizzari Torok qabdu lil dawk li ġa kienu ċedew u qatgħulhom rashom. Għalhekk id-difensuri li kien fadal niżlu flimkien jilqgħu lit-Torok sakemm mietu kollha; u b'hekk waqa' Sant Iermu.

***24 ta' Ġunju:*** It-Torok tellgħu erbat irjus imwaħħla fuq il-lanez biex jidhru fuq Sant-Iermu; kienu ta' kaptani u kmandanti tal-Ordni. Fl-istess jum it-Torok rabtu fuq zkuk u twavel l-iġsma ta' suldati u uffiċjali tal-Oerdni b'rashom maqtugħa u telquhom fil-baħar biex jersqu lejn Sant'Anġlu. It-Torok ukoll qatgħu ras ta' għadd ta' nsara li kienu nqabdu mill-kursari.

***28 ta' Ġunju:*** Ħafna Torok telgħu mill-Marsa biex jisirqu u jattakkaw l-inħawi ta' Bormla. Il-Bej, kap tagħhom, ħataf tfajla Maltija għalih għax għoġbitu. Il-kavallerija tal-

Ordni waslet fil-ħin biex tattakka lit-Torok u qatgħu ras xi sittin minnhom. Il-Bej pprova jaħrab bit-tfajla imma meta ra li ma setax qatagħlha rasa qabel ma sparawlu u qatlu lilu.

***15 ta' Lulju:*** It-Torok straħu waqt wieħed mill-attakki tagħhom fuq il-fortizza San Mikiel tal-Isla. Waqt li kienu qed jirtiraw għal fuq id-dgħajes, is-suldati tal-Ordni bdew jisparaw fuqhom minn kull naħa u bdew jaqtgħulhom rashom kif ġie ġie. Żammew erba' Torok ħajjin biex jeħduhom għand il-Gran Mastru biex jieħu minnhom xi informazzjoni.

***18 ta' Lulju:*** Taħt il-fortizza ta' San Mikiel it-Torok bdew iħaffru mina taħt l-art biex jidħlu bil-moħbi. Instemgħu iħaffru u l-kurunell Robles ordna li titħaffer mina oħra kontriha. Inqabdu iż-żewġ baqquniera u qatgħulhom rashom.

***27 ta' Lulju:*** Malti żagħżugħ kien imissu għassa imma kellu n-nagħas u raqad. Rawh u ħarġu għalih it-Torok li qatgħulu rasu.

***15 ta' Awwissu:*** Mill-fortizza San Mikiel ħarġu ġrupp suldati difensuri għat-Torok li kienu ġo trunċiera, attakkawhom u qatgħu ras ħafna minnhom.

***24 ta' Awwissu:*** Jum bix-xita. Id-difensuri bdew jużaw il-balestra (*cross-bow,* qaws ta' saħħa armat salib fuq injama twila). Wara nofsinhar qatlu Tork fil-beraħ u sħabu ma ssugrawx joħorġu għalih. Biex jisfidaw lit-Torok, id-difensuri qatgħu ras it-Tork mejjet u ħallewha tidher fuq lanza.

## Fir-rewwixti

Fl-1748 l-iskjavi li kien hemm fuq qalera Torka rvellaw kollha flimkien u ħatfu l-bastiment taħt idejhom u l-ekwipaġġ inżammu priġunieri flimkien ma' Mustafà Paxà ta' Rodi. Biex ma jiksirhiex mas-Sultan Tork minħabba kummerċ u kwistjonijiet oħra, il-Gran Mastru beda jittratta mill-aħjar lil Mustafà sakemm jasallu ż-żmien li jmur lura pajjiżu u saħansitra tah ħafna libertà. Imma dan Mustafà ried ukoll jogħġob lis-Sultan tiegħu u jivvendika ruħu. Ra kif għamel biex beda jxewwex lill-iskjavi li kienu jservu tal-Gran Mastru u l-Ordni. Ġie miftiehem li fl-Imnarja tal-1749, meta l-Maltin ikunu r-Rabat, isir assalt mill-iskjavi, joqtlu lill-Gran Mastru u jwaqqgħu l-Ordni. Imma l-pjan inkixef. Mustafà nqabad u nżamm Sant Iermu. L-iskjavi nqabdu u l-maġġoranza ġew kundannati għall-mewt. Matul Lulju-Ottubru tawhom torturi u ħruxijiet fil-pubbliku matul it-toroq tal-Belt sakemm fl-aħħar rashom spiċċaw imwaħħlin fuq il-lanez f'diversi postijiet.

Antoine Favray, pittur magħruf li kien jaħdem ukoll f'Malta fl-aħħar ftit tas-seklu tmintax, kien imqabbad mill-iskola medika ta' żmienu biex ipinġi xi figuri ta' anatomija minn fuq katavri u mudelli simili, biex jużawhom fl-istudji dawk li kienu se jsiru tobba. Fl-1749 meta sar (u falla) l-imsemmi attentat ta' kolp mill-iskjavi wieħed mill-ikkundannati u qatgħulu rasu kien magħruf bħala Mohammed. Favray, bil-permess tal-Gran Mastru ddobba din ir-ras ta' Mohammed u ħadha bħala mudell biex ipinġiha. Jingħad li saru kopji tal-ġibs ta' din l-istess ras biex jinbiegħu bħala tifkira ta' dik ir-rewwixta.

Fid-9 ta' Settembru 1775 grupp ta' xi għoxrin ruħ, fosthom Dun Gejtanu Mannarino u xi kjeriċi, ħabtu għal Sant Iermu u s-sur ta' San Ġakbu u tellghu bandieri, waħda minnhom turi lil San Pawl. Din ir-rivolta saret b'riżultat tat-taħwid u nuqqasijiet ta' dak iż-żmien li ġabu lill-poplu batut fost faqar kbir u, f'dan il-każ, biex tiġbed l-attenzjoni fuq il-faqar li kienu qed jgħixu fih il-qassisin. Din ir-rivolta ma kienetx organizzata tajjeb, għalhekk mill-ewwel falliet. Kollha ġew arrestati. Fil-waqt li l-maġġoranza spiċċaw kundannati għomorhom il-ħabs, lil żewġ ribelli u Dun Ġużepp Valeri qatgħulhom rashom. L-irjus ittellgħu fuq is-swar bħala twissija.

## Kongregazzjoni tal-kavallieri

Kundanni għall-mewt kienu komuni mal-Ewropa kollha. Fost il-ħafna fratellanzi Ewropej kien hemm uħud li twaqqfu biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali u temporali konnessi mal-aħħar mumenti ta' dawk li jkunu se jirċievu l-piena kapitali. Il-kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, fl-1576 ffurmaw fratellanza simili li semmewha *Congregazione di San Ġiovanni Dekollato, della Pietà e Misericordia*. Sar arranġament biex il-laqgħat u d-devozzjonijiet tagħhom isiru fil-knisja ta' Porto Salvo tad-Dumnikani fil-Belt Valletta. Fil-knisja hemm kappella dedikata lill-Madonna tar-Rużarju bħala tifkira tar-rebħa fuq it-Torok f'Lepanto fl-1571, li fiha kienu ħadu sehem il-kavallieri mal-qawwiet alleati tal-Papa. Taħt it-titular tal-kappella tar-Rużarju hemm riljev tal-bronż li jirrapreżenta ras San Ġwann Battista li jaqbel mat-titolu ta' *San Giovanni Decollato*.



Il-Kappella tar-Rużarju fil-knisja ta'Prto Salvo fil-Belt Valletta

Il-kavallieri bnew l-oratorju tagħhom fil-knisja konventwali tal-Ordni, San Ġwann Battista, l-Belt, għalhekk ma kellhomx għalfejn jibqgħu jużaw l-altar tad-Dumnikani. Fil-21 ta' Diċembru 1603 ħarġu proċessjonalment minn Porto Salvo u marru ħadu pussess tal-oratorju tagħhom li kienu semmewh *Della Pietà,* ukoll jaqbel mat-titolu tal-kongregazzjoni tagħhom. Fl-1608, Caravaggio (Michelangelo Merisi minn Caravaggio) pinġielhom l-inkwadru kbir tal-Martirju ta' San Ġwann u l-oratorju beda aktar ikun magħruf bħala tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann li jaqbel ukoll mat-titolu tal-kongregazzjoni u tal-pittura ta' Caravaggio.



l-knisja ta'Prto Salvo fil-Belt Valletta, iddedikata lil San Duminku

## Ras San Ġwann

Meta l-Ordni ta' San Ġwann spiċċat meta Napuljun invada 'l Malta fl-1798, ix-xogħol li kellhom il-kavallieri konness mal-ikkundannati għadda f'idejn il-fratellanza tar-Rużarju tal-knisja ta' Porto Salvo. Il-fratelli kienu joħorġu jiġbru kull meta kien se jkun hemm eżekuzzjoni, libsin



Qtugħ ir-ras ta' San Ġwann, pittura ta' Michaelangelo Merisi magħruf bħala Caravaggio

l-abjad, wiċċhom mgħotti bil-kapoċċ u kappell abjad. Kienu jużaw karus li fuq il-faċċata kellu xbieha ta' ras San Ġwann li tfakkar il-kongregazzjoni tal-kavallieri li fl-aħħar għaddiet għand il-fratellanza. Ix-xbiha tar-ras fuq dan il-karus tidher imdawra b'sensiela żibeġ tal-kuruna biex tirrapreżenta lir-Rożarjanti, kif aktar kienu magħrufin dawn il-fratelli.

Fil-medju evu, meta kien hemm interess u kummerċ sħiħ ta' relikwi, il-belt ta' Amiens fit-tramuntana ta' Franza, kienet magħrufa minħabba li fl-1206 kienet ittieħdet hemm ir-ras (kif jgħidu) li kienet ta' San Ġwann Battista meta nġiebet hemm minn Kostantinopli. Għadhom sal-lum isiru riċerki u dibattiti dwar fejn tinstab ras Il-Battista imma dawn qatt ma jistgħu, u lanqas jistgħu, jilħqu ftehim.

RAYMOND FENECH
Funeral Service
24 Hour Service



99409332, 79410582

Malita shipping

Għal kull tip ta' assigurazzjoni taħt saqaf wieħed

Atlas Insurance

St Philip Building
Triq Sciortino
Zebbuġ ZBG 2301
Tel: 2146 6018

Malita Shipping hija liċenzjata mill-MFSA biex taħdem bħala intermedjarju fiss ta' l-assigurazzjoni għal u f'isem Atlas Insurance PCC Ltd.